**Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard**

# Rapport Annwali Amministrattiv

**JANNAR - DIĊEMBRU 2022**

**It-Tmin Kunsill Lokali 2019-2024**

Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **5** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **7** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **12** |

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard matul is-sena.

Matul is-sena 2022, tkompliet il-ħidma tal-Kunsill tad-disa' leġislatura, li l-bidu tagħha kien fl-1 ta' Lulju 2019

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, huwa magħmul minn 9 Kunsilliera.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' erba` impjegati skrivani kif ukoll *works co-ordinator* fix-xogħol tal-Uffiċċju.

**Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fit-Tmien Kunsill**

**Sindku – Stefan Cordina**
Infrastruttura, Proġetti, Jum Ħ'Attard/Ġieħ Ħ'Attard, Kultura, Finanzi, Anzjani, Komunitajiet, Editur Fuljett, Ġemellaġġ, Dawl tat-Toroq

**Viċi-Sindku – Alex Mangion**
Żgħażagħ u tfal, Saħħa u Mobilità

**Kunsillier – Remigio Bartolo**
Ġemellaġġ, Jum Ħ'Attard, Kultura, Turiżmu, Relazzjonijiet Pubbliċi

**Kunsillier – Dr. Silvio Brincat**
Innovazzjoni, Librerija Pubblika, Wirt Storiku

**Kunsillier – John P. Bonnici**
Qasam Soċjali, Integrazzjoni, Politika Soċjali

**Kunsillier – Dr. Helen Caruana**
Edukazzjoni, Fondi EU, Indafa u Ambjent

**Kunsillier – Victor Galea**
Sports, Attivitajiet Fiżiċi, Ambjent Geografiku

**Kunsillier – Connie Scerri**
Sports, Ġonna Pubbliċi, Harsien tal-annimali

**Kunsillier – Perit Giorgio Schembri**
Indafa, Ambjent, Immaniġġjar tat-traffiku, Fondi EU

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2022 sa 31 ta' Diċembru 2022 fit-tmien leġislatura inżammu erbatax (17) –il laqgħa, u l-attendenza kienet hekk:

It-Tmien Leġislatura

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Stefan Cordina | 17 | 17 | 0 | 0 | 100% |
| 2 | Helen Caruana | 17 | 17 | 0 | 0 | 100% |
| 3 | John P. Bonnici | 17 | 13 | 4 | 0 | 76% |
| 4 | Alexander Mangion | 17 | 13 | 4 | 0 | 76% |
| 5 | Connie Scerri | 17 | 15 | 2 | 0 | 88% |
| 6 | Victor Galea | 17 | 16 | 1 | 0 | 94% |
| 7 | Remigio Bartolo | 17 | 16 | 1 | 0 | 94% |
| 8 | Silvio Brincat | 17 | 16 | 1 | 0 | 94% |
| 9 | Giorgio Schembri | 17 | 15 | 2 | 0 | 88% |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta hekk:

| | |
|---|---|
| Marica Mifsud | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Yanica Sammut | Prinċipal (Amministrazzjoni) |
| Karen Fsadni | Assistent Prinċipal (Amministrazzjoni) |
| Diandra Borg Fenech | Uffiċjal Eżekuttiv (Amministrazzjoni) |
| Geoffrey Cilia | Skrivan (Amministrazzjoni irriżenja **Ġunju 2022**) |
| Arthur Caruana | Works Co-ordinator (Xogħolijiet fuq barra) |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frankie Attard | Resource Support and Services Ltd |
| Is-Sur John C Vella | Resource Support and Services Ltd (Late 26.02.2022) |
| Is-Sur Henry Caruana | Engineering Resources Ltd |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Matthew Bondin LLD |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit Dieter Falzon A&CE |

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2022 kienet ta': | €818,812 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | €170,187 |
| Dħul Supplimentari mill-Gvern | €0 |
| | |
| **Dħul minn Bye-laws** | |
| Bye-Laws - *Advertising on Street Furniture* | € 0 |
| | |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' €3,428** | |
| Dħul minn kontravvenzjonijiet | - |
| Aministration fees + LESA | € 3,428 |
| | |
| **Interessi** | € 0 |
| | |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidher taħt Dħul Ġenerali ta' €42,614** | |
| Servizzi Komunitarji | €0 |
| Sale of books and other mechandise | €8 |
| Dħul Ġenerali | €0 |
| Dokumenti/ u *Information Charges* | €0 |
| Dħul mill-*Media* | €1,114 |
| Donazzjonijiet | €352 |
| Kontribuzzjonijiet | €0 |
| Refużjoni | €0 |
| Insurance Claims | € 0 |
| Dħul minn Permessi | € 41,140 |
| | |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2022 kien ta'** | **€ 1,035,041** |

**L-INFIEQ**

| | |
|---|---|
| **Is-Salarji b'total ta' €216,788 kienu mqassma hekk:** | |
| Onorarja tas-Sindku | € 19,540 |
| Onorarja tal-Kunsilliera | € 18,576 |
| Salarju Segretarju Eżekuttiv | € 51,875 |
| Salarji ta' l-impjegati | € 114,536 |
| Kontribuzzjonijiet *Social Security* | € 12,261 |
| | |
| **Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' €46,380** | |
| Propjeta' Pubblika | € 14,830 |
| Toroq u Bankini | € 16,310 |
| Sinjali u Tabelli tat-traffiku | €9,659 |
| Marki tat-traffiku | € 768 |
| *Office Furniture & Equipment* | € 3,571 |
| *Għodda* | € 164 |
| *Tiswijiet oħra* | € 281 |
| *Tiswijiet* | €0 |
| *Propjeta' tal-Kunsill* | €797 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' €670,730**

| | |
|---|---|
| Waste Disposal | € 79,357 |
| Ġbir ta' Skart | € 321,680 |
| Ġbir ta' *Bulky Refuse* | € 24,627 |
| Kiri ta' *Skips* | € 6,608 |
| Bring-in Sites | € 0 |
| Knis u tindif ta' Toroq | € 142,902 |
| *Clean. & Maint Non-Urban* | € 6,114 |
| *Cleaning Public Conveniences* | € 11,552 |
| *Cleaning Services* | €1,024 |
| *Other Contractual Service* | € 177 |
| *Clean. & Main. Parks & Gardens* | € 43,107 |
| *Clean. & Main. Soft Areas* | €17,590 |
| *Street Lighting* | € 10,057 |
| *Cleaning – Council Premises* | € 0 |
| *Experts* | € 383 |
| *Twinning* | €4,753 |
| *Local Enforcement Expenses* | € 799 |
| **Dan huwa total ta' *Operations and Maintenance* ta'** | **€ 717,110** |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra €163,557**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etc. | € 12,000 |
| Tiswijiet u manutenzjoni oħra | € 8,928 |
| Kera | € 8,187 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Nazzjonali u Nternazzjonali | € 55 |
| Spejjeż għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju | € 14,575 |
| Spejjeż ta' Trasport għall-attivitajiet u xogħol | € 11,694 |
| *Lease of equipment* | € 2,296 |
| Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku | € 7,292 |
| *Insurance Cover* | € 7,448 |
| *Bank Charges* | € 1,248 |
| *Is-Servizzi Professjonali* | € 28,018 |
| *Training* | € 0 |
| *Travel* | €€3,266 |
| *Social Events* | € 8,998 |
| *Cultural Events* | € 1,384 |
| *Community services* | € 0 |
| *Entertainment* | € 916 |
| Donazzjonijiet | € 0 |
| Conference Expenses | € 0 |
| *Provision for doubtful debts* | € 1,525 |
| *Bad Debts Written Off* | € 1,625 |
| *Depreciation* | € 44,102 |
| Inventory Written Off | € 0 |

**L-Infiq Totali għas-sena 2022 kien ta'** **€ 1,097,455**

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill (ikompli)*

### 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti u entitajiet kollha tar-raħal.

#### Korsijiet

Ġew organizzati korsijiet tal:

- *Lifelong Learning* ġewwa l-iskola Primarja Tumas Dingli, Kulleġġ San Nikola. Dawn il-korsijiet kienu Crochet u Bobbin.
- *Junior Science Club* għall-tfal ta' bejn l-età ta` 3 snin u 10 snin. Dan il-kors ġie organizzat għall-ewwel darba u kien issussidjat mill-Kunsill.

#### Saħħa

Il-vaċċin kontra l-influwenza din is-sena xorta reġgħet ingħatat mill-Berġa tal-lokal. Din kienet ikoordinata flimkien mal-Ministeru tas-Saħħa u d-Dipartiment tal-Kura tas-saħħa Primarja u dan sabiex il-proċess ikun jista` jinżamm iżjed taħt sorveljanza minħabba li l-Covid għalkemm taħt ferm inqas restrizzjonijiet baqgħet magħna.

#### Il-ħarsien soċjali

L-attivitajiet għall-anzjani tkomplew skont ir-regolamenti li nħarġu mid-Dipartiment tas-Saħħa għalkemm kif intqal qabel taħt ferm inqas restrizzjonijiet sabiex nisalvagwardjaw is-saħħa tal-anzjani tagħna.Transport, kif ukoll ikel baqa' jiġi provdut għal waqt l-attivitajiet tal-grupp tas-60+.

Nhar il-Ħadd, 11 ta` Novembru saret ukoll il-President`s Solidarity Fun Run. Wara sentejn ta' restrizzjonijiet din reġgħet saret kif kienet issir qabel bil-parteċipanti jew jieħdu sehem fil-mixja jew ġirja. Il-konkorrenza kienet waħda fenomenali. It-tluq bil-mixi kien minn Paola, Tal-Qroqq jew Santa Venera filwaqt li l-ġirja telqet mis-Saqqajja bil-punt tal-wasla jkun il-belt kapitali Valletta.

Il-Kunsill organizza kompetizzjoni għall-isbaħ kartolina b`affarijiet riċiklati fejn kienet miftuħa għat-tfal kollha ta' Ħ'Attard.

Wara assenza ta' sentejn l-attività ta` Ġieħ Ħ`Attard reġgħet inżammet il-Ġimgħa, 2 ta' Settembru 2022 filwaqt li l-Bazaar Annwali inżamm bħas-soltu f`Diċembru. Mill-bejgħ ta' dan il-Bazaar inġabret is-somma ta' € 895.

#### Fil-qasam tal-persuni b'dizabbilita'

Il-Kunsill Lokali għal din is-sena wkoll kompla r-rampi ma' postijiet pubbliċi kif ukoll f'bankini sabiex ikun hemm aċċess aħjar. Il-Kunsill applika u tlestew ix-xogħolijiet fuq ir-ranep ta' Triq ir-Rużell permezz ta' skema SPI/SCI/8/2021.

Ġew approvati ukoll iżjed reserved parking bays għal-Persuni b`diżabilità.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**

Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Sar ukoll manutenzjoni tal-bankini fejn kien meħtieġ.

Mill-iskema ta` manutenzjoni u kostruzzjoni ta` toroq mill-ġdid li nħarġet mill-Gvern nbeda xogħol fuq it-toroq Żir, Xgħir, Sieqja, Qamħ. Is-sena d-dieħla hemm il-ħsieb jibda x-xoghol fuq it-toroq A. Camilleri, Dorga, Qiegħa, Fies u Victor Vassallo.

**Immaniġġjar tat-Traffiku**

Il-Kunsill Lokali kompla bil-ħidma sabiex jiġu mplimentati diversi miżuri ġodda tat-traffiku ġewwa diversi toroq ġewwa l-lokalità.

Barra minn hekk saru diversi sleeping policemen, linji u marki tat-toroq ġodda madwar ir-raħal. Saru ukoll manutenzjoni u tindif ta` gandotti fit-toroq madwar Ħ'Attard.

**Ġbir ta' skart imħallat, organiku, riċiklabbli u ħġieġ u Separazzjoni tal-Iskart**

Dan is-servizz jingħata kuljum mit-Tnejn sas-Sibt.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**

Dan is-servizz jingħata kuljum mit-Tnejn sas-Sibt. Ir-resident għandu jikkuntattja l-Kunsill biex jagħmel appuntament. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas.

**Kalendarju tal-Iskart**

Bħal kull sena, erġajna ppubblikajna l-kalendarju fejn juri x'tip ta' skart għandu jinħareġ ġurnata b'ġurnata. B'hekk ninkoraġixxu lir-residenti kollha sabiex isegwu l-iskeda u nevitaw skart li jinħareġ ħażin, li ma jkunx ser jinġabar f'dik il-ġurnata partikolari.

Ġewwa Misraħ Ġwanni Pawlu II u Triq il-Ħafur, b`kollaborazzjoni mal-WasteServ, darbtejn fix-xahar jiġi 'Sort it out' Truck sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jarmu oġġetti fih minflok iżuru ċ-Ċentru tal-WasteServ.

Il-Kunsill lokali ipparteċipa wkoll fil-European Week for Waste Reduction fejn għat-tieni sena konsekuttiva, reġa' rebaħ l-premju fil-kategorija tal-**Amministrazzjonijiet Pubbliċi**. Fil-fatt il-Kunsill igawdi stima kbira fejn tidħol amministrazzjoni u kwalità ta' xogħol fosthom it-tħejjia ta' fuljetti informattivi u informazzjoni mwassla permezz tas-siti soċjali. Dan il-premju ngħata lill-Kunsill minħabba li fl-2021 ġew organizzati numru t'attivitajiet, fosthom Swap Shop sabiex biex jitqajjem l-interess fir-residenti sabiex l-affarijiet li m`għadhomx ta`

użu jerġghu jiġu użati minn ħaddieħor. Saret ukoll sezzjoni edukattiva u informattiva fejn fiha tqassmu pjanti lit-tfal ta` diversi etajiet.

**Knis ta' Toroq**

Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalità tinżamm fi stat nadif. Kull triq fil-lokal tinkines darba fil-ġimgħa. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' fuq bażi regolari.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-Handyman li mpjegat mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq.

**Tenders**

Matul is-sena ġew mgħotija erba' (4) Tenders:

ALC 01/2022 *Services of a Contracts (Community Works) Manager for the Ħ'Attard Local Council*
ALC 02/2022 *Tender for the Provision of General Architectural Services to the Ħ'Attard Local Council*
ALC 03/2022 *Re-Issue - Street Sweeping Services in the Locality of Ħ'Attard, using Low Emission Service Vehicle*
ALC 04/2022 *Tender Services for the Collection of Bulky Refuse and WEEE from the Locality of Ħ'Attard, in an Environmentally Friendly Manner*

**Wirt Storiku**

Din is-sena tlesta x-xogħol ta' restawr tal-Kappella ta' Santu Rokku, Pjazzetta Sant'Anna, Ħ'Attard. Din il-Kappella tintuża mill-komunità tal-MUSEUM u sservi bħalha bażi għat-tagħlim tas-subien ġewwa Ħ'Attard.

**Proġetti Kapitali**

Sar xogħol fuq bini mill-ġdid ta' culvert fi Triq il-Mosta bi spiża ta' madwar kapitali li tammonta għall-€60,652,49. Dan ix-xogħol ġie finanzjat minn Infrastruttura Malta.

Sar u tlesta l-bini ta' ħajt taħt l-iskema SPI/SCI/02/2021 fi Ġnien il-Kunsill bi spiża kapitali ta' €10,412.61.

**Attivitajiet għal żmien il-Milied**

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena il-Kunsill reġa' ħaseb biex fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, jiżżejnu u jinxtegħlu numru ta' toroq b'dawl dekorattiv. L-ispiża ġiet iffinanzjata parti mir-Reġjun Tramuntana, permezz ta' Skemi biex jiġu rifonduti spejjeż relatati ma' armar ta' żmien il-Milied flimkien ma' għajnuniet lil diversi għaqdiet soċjali sabiex jiġu organizzati attivitajiet varji.

**Skemi maħruġa minn entitajiet diversi**

Matul din is-sena, il-Kunsill applika għal numru ta' Skemi maħruġa minn entitajiet diversi. Dawn jinkludu:

- SPI/SCI/08/2021 – Aċċessibilità u Mobilità – Il-Kunsill applika sabiex jingħata fondi biex isiru ranep u bankini aċċessibli fi Triq ir-Rużell.
- SPI/SCI/9/22- Komunitajiet isbaħ u iżjed b'saħħitom – il-Kunsill applika u ngħata fondi sabiex jiġu rranġati l-uffiċċini l-qodma u fihom jintrama apparat tal-kompjuter u jsir *stair lift* sabiex isiru korsijiet tal-kompjuter għal kulħadd.
- Permanent Sustainable Mobility Measures Competition 2022, Transport Malta – il-Kunsill ingħata €25,000 sabiex jinxtara vann għall-komunità.
- Urban Greening Scheme, Ambjent Malta - il-Kunsill applika u bbenefika minn għotja ta' €300,000 sabiex jiġi rranġat Ġnien il-Palma.
- Twinning Gela EU Funds – Il-Kunsill ingħata fondi mill-*European Education and Culture Exectuve Agency* sabiex isir ġemellaġġ mal-lokalità ta' Gela ġewwa Sqallija. Żjara uffiċċjali permezz ta' delegazzjoni seħħet bejn is-7 u 9 ta' Settembru 2022.
- Infrastructure Malta – Il-Kunsill talab u bbenefika minn ordni diretta ta' xogħolijiet DO/101/22 għall-ammont ta'€1,000,000.
- Skema Reġjun Tramuntana fuq Xiri ta' Kotba – Il-Kunsill applika u bbenefika minn għotja ta' €2,500 sabiex jinxtraw kotba ġodda għall-Librerija Pubblika.

**Inizzjattivi**

Matul ix-xhur ta' Frar, Mejju, Ġunju u Ottubru rispettivament il-faċċata tal-Uffiċini tal-Kunsill kienet tixgħel vjola, blu, aħmar u roża bħala turija ta` sapport għal dawn l- avvenimenti: *Epilepsy Awareness Day, World Blood Donor Day, Internationational Day for Awareness of Myalgic Encephalomyelitis/Chronic Fatigue Syndrome and Fibromyalgia*.

Il-Kunsill fl-2021 beda u offra servizz ta' servicing b'xejn ta' kompjuters lir-residenti kollha ta' Ħ'Attard fejn ingħataw dawn is-servizzi:
*Formatting*
*General servicing*
*Physical cleaning*
*Antivirus software Installation*
*Virus removal*

Dan is-servizz intemm f' Awwissu 2022.

Ġiet introdotta sistema tal-permessi onlajn ġdida li ġiet iffinanzjata mill-Gvern Lokali. Għalkemm il-Kunsill Lokali Ħ'Attard kien minn tal-ewwel f'dan il-proġett pilota li ddaħħal ftit wara l-Covid din is-sistema ġiet kompletament riveduta u tranġata fuq bażi nazzjonali mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali matul din is-sena. Fil-fatt il-Kunsill ingħata lura l-fondi li kien ħareġ biex daħħal din is-sistema onlajn.

**3.3 ORGANIZAZZJONI**

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar b`l-involviment u bil-parteċipazzjoni tal-istess kunsilliera.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv jiġbor fih s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istrutturi tas-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

L-irwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma għal-lokalità,l-Amministrattur,is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien possibli.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f`dak li jkun ser iwettaq il-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

Bl-istruttura mħaddna fuq dawn il-prinċipji għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalità.

## IMPJEGATI TAL-KUNSILL

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq xogħlu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jitħol fid-dettall kollhu għall-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol u attività tal-Kunsill f'Ħ'Attard, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol li ma` jidirx, xogħol li jkun maħsub, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jikkontribwixi għas-suċċess kbir li l-Kunsill Ħ'Attard qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbiltà kollha. Dis-sena erġajt ipproponejt li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kollu, u l-Kunsill approva dan għax ressaqt *performance appraisal* ta' kull impjegat fejn kienet analizzata l-ħidma ta' kull impjegat fil-Kunsill u ġew imkejla t-*targets* li li kien hemm kif ukoll tressqu dawk ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi terġa' tkun fix-xogħol ta' kuljum, bejn xulxin, f'uffiċċju dejjem aktar effiċjenti u effettività.

B'uffiċċju effiċjenti rridu nifhmu li kulħadd ikun jaf dak li qed isir u għaliex! Li kulħadd ikun responsabbli fix-xogħol li jagħmel ta' *teamwork*, għaliex b'team t' impjegati mġedded u msaħħaħ, fejn hemm stħarriġ fil-ħidma ta' kuljum, u kulħadd jaf sewwa x'għandu jagħmel, jiena ċerta li kapaċi nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill.

Il-Kunsill jieħu din l-okkażjoni biex isellem il-memorja ta' John C. Vella, ħaddiem assenjat mal-Kunsill li ħalla din id-dinja fis-26 ta' Frar 2022.

F'Ġunju 2022 irriżenja wkoll mill-kariga is-Sur Geoffrey Cilia.

Grazzi ta' ħidmet dawn l-impjegati.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma bla waqfien tal-Kunsill ta' Ħ'Attard għal din is-sena 2021. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti fl-aħħar xhur tas-Seba' leġislatura tal-Kunsill u fil- bidu tal-ewwel xhur tat-Tmin leġislatura, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

**Marica Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

## *Statement of income and expenditure (*Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

### L-Iskeda ta' Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-Nefqa

| Statement of Income and Expenditure | 2022 | 2021 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 988,999 | 971,612 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | - | 2,431 |
| Income raised under Local Enforcement System | 3,428 | 2,741 |
| General Income | 42,614 | 44,611 |
| | **1,035,041** | **1,020,330** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | (216,788) | (196,668) |
| Operations and maintenance | (717,110) | (574,262) |
| Administration and other Expenditure | (163,557) | (216,030) |
| | **(1,097,455)** | **(986,960)** |
| **Operating surplus for the year / period** | **(62,414)** | **33,370** |
| Finance Income | 13 | - |
| Finance Costs | 2,109 | (515) |
| | (60,318) | 32,855 |
| Loss on sale of assets | (-) | (-) |
| **Profit for the year** | **(60,318)** | **32,855** |

## ***Statement of Affairs* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)***

| **Statement of Affairs** | **2022** | **2021** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 544,949 | 199,753 |
| Intangible Assets | - | 85 |
| | **544,949** | **199,838** |
| **Current Assets** | | |
| Inventories | | - |
| Receivables | 183,897 | 153,675 |
| Cash and cash equivalents | 286,114 | 294,604 |
| | **470,011** | **448,279** |
| **Total Assets** | **1,014,960** | **648,117** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| **Reserves** | | |
| Retained earnings | 279,837 | 340,155 |
| **Total Equity** | **279,837** | **340,155** |
| **Non-currrent Liabilities** | | |
| Lease liabilities | | - |
| Deferred Income | 271,267 | 152,887 |
| | **271,267** | **152,887** |
| **Current Liabilities** | | |
| Lease liabilities | - | 4,535 |
| Deferred income | 264,918 | 71,806 |
| Trade and other payables | 198,938 | 77,379 |
| Bank overdraft | - | 1,355 |
| | **463,856** | **155,075** |
| **Total Liabilities** | **735,123** | **307,962** |
| **Total reserves and liabilities** | **1,014,960** | **648,117** |

## ***Statement of Changes in Equity (*****Siltiet mill-*****Annual Audit Report)***

**Statement of Changes in Equity**

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| **At 1 January 2021** | **307,300** | **307,300** |
| Profit for the year | **32,855** | **32,855** |
| **At 31 December 2021** | **340,115** | **340,115** |
| **At 1 January 2022** | **340,155** | **340,155** |
| Profit for the year | **(60,318)** | **(60,318)** |
| **At 31 December 2022** | **279,837** | **279,837** |

## *Cash Flow Statement (*Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

**Statement of Cash Flows**

| | 2022 | 2021 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Net profit for the year** | (60,318) | 32,855 |
| Reconciliation to cash generated from operations | | |
| Depreciation | 44,017 | 49,958 |
| Amortisation of intangible assets | 85 | 251 |
| Loss on disposal of assets | - | - |
| Movement in Provision for Doubtful Debts | 1,525 | - |
| Interest receivable | 1,625 | - |
| Lease Interest payable | 13 | 515 |
| **Operating profit before working capital changes** | **(13,053)** | **83,579** |
| Decrease in inventories | - | 2,144 |
| (Increase)/decrease in trade and other receivables | (33,372) | 60,897 |
| (Increase)/decrease in trad and other payables | 121,559 | (28,330) |
| Government grant released | | - |
| **Cash generated/(used in) from operating activities** | **75,134** | **118,290** |
| **Cash flow from investing activities** | | |
| Interest received | - | - |
| Purchase of intangible fixed assets | - | - |
| Purchase of property, plant and equipment | (456,183) | (85,714) |
| Receipt of grant | 378,462 | 102,914 |
| **Cash generated/used in) in investing activities** | (77,721) | **17,200** |
| **Cash from financing activities** | | |
| Interest paid | (13) | (515) |
| Payment of principal portion of lease liabilities | (4,535) | (10,285) |
| **Cash used in financing activities** | **(4,548)** | **(10,800)** |
| **Net movement in cash and cash equivalents** | (7,135) | 124,690 |
| Cash and equivalents at beginning of year | 293,249 | 168,558 |
| **Cash and equivalents at end of year** | **286,114** | **293,249** |